Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2025/69

13.1.2025

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA’ SIGURTÀ (PESK) 2025/69

## tat-8 ta’ Jannar 2025

## dwar il-ħatra tal-kap taċ-ċellola militari ta’ kmand u appoġġ tal-Inizjattiva tal-Unjoni Ewropea għas-Sigurtà u d-Difiża b’appoġġ għall-pajjiżi tal-Afrika tal-Punent tal-Golf tal-Guinea (EUSDI/1/2025)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA’ SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/1599 tat-3 ta’ Awwissu 2023 dwar Inizjattiva tal-Unjoni Ewropea għas-Sigurtà u d-Difiża b’appoġġ għall-pajjiżi tal-Afrika tal-Punent tal-Golf tal-Guinea ([1]), u b’mod partikolari l-Artikolu 3 tagħha,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 3(1) tad-Deċiżjoni (PESK) 2023/1599, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta’ Sigurtà (KPS), f’konformità mal-Artikolu 38 tat-Trattat, biex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti għall-fini li jeżerċita l-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-Inizjattiva tal-Unjoni Ewropea għas-Sigurtà u d-Difiża b’appoġġ għall-pajjiżi tal-Afrika tal-Punent tal-Golf tal-Guinea (l-“Inizjattiva”), inkluż deċiżjonijiet dwar il-ħatra tal-kap taċ-ċellola militari ta’ kmand u appoġġ.

(2) Fit-23 ta’ Mejju 2024, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2024/1494 ([2]) li taħtar lill-Kurunell Sergio PUEBLA GARCÍA bħala kap taċ-ċellola militari ta’ kmand u appoġġ tal-Inizjattiva mill-15 ta’ Jannar 2024 sal-14 ta’ Lulju 2024. IL-KPS ma ħatar l-ebda kap taċ-ċellola militari ta’ kmand u appoġġ tal-Inizjattiva mill-14 ta’ Lulju 2024 ’il quddiem.

(3) Fil-25 ta’ Novembru 2024, l-awtoritajiet Spanjoli pproponew il-ħatra tal-Kaptan Francisco Javier LÓPEZ FUSTER bħala kap taċ-ċellola militari ta’ kmand u appoġġ tal-Inizjattiva mill-15 ta’ Jannar 2025 (“il-ħatra proposta”).

(4) Fit-2 ta’ Diċembru 2024, il-Kmandant Militari għall-pilastru militari tal-Inizjattiva appoġġa l-ħatra proposta.

(5) Fis-6 ta’ Diċembru 2024, il-Kumitat Militari tal-Unjoni Ewropea qabel li jirrakkomanda li l-KPS japprova l-ħatra proposta.

(6) Jenħtieġ li tittieħed deċiżjoni dwar il-ħatra tal-Kaptan Francisco Javier LÓPEZ FUSTER;

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Kaptan Francisco Javier LÓPEZ FUSTER huwa b’dan maħtur bħala l-kap taċ-ċellola militari ta’ kmand u appoġġ tal-Inizjattiva tal-Unjoni Ewropea għas-Sigurtà u d-Difiża b’appoġġ għall-pajjiżi tal-Afrika tal-Punent tal-Golf tal-Guinea mill-15 ta’ Jannar 2025.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-15 ta’ Jannar 2025.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta’ Jannar 2025.

*Għall-Kumitat Politiku u ta’ Sigurtà*

*Il-President*

D. PRONK

---

([1]) ĠU L 196, 4.8.2023, p. 25 ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2023/1599/oj.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta’ Sigurtà (PESK) 2024/1494 tat-23 ta’ Mejju 2024 dwar il-ħatra tal-Kap taċ-ċellola militari ta’ kmand u appoġġ tal-Inizjattiva tal-Unjoni Ewropea għas-Sigurtà u d-Difiża b’appoġġ għall-pajjiżi tal-Afrika tal-Punent tal-Golf tal-Guinea (EUSDI/1/2024) (ĠU L, 27.5.2024. ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/1494/oj).